MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 33/2009

**Rikors skond l-Att dwar iz-Zwieg Kap. 255 fl-ismijiet:-**

**Rita Debono**

**v.**

**Avukat Dr. Martin Fenech u Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b'digriet tad-9 ta' Settembru 2009 nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Michael Debono u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Dan huwa digriet wara rikors maghmul fis-7 ta’ Lulju 2009 minn Rita Debono li bih qed titlob lil din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra fit-termini ta’ l-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) id-decizjoni moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta fit-30 ta’ Settembru 2008 (Prot. No. 04/013) u kkonfermata b’Digriet ta’ Ratifika tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fit-30 ta’ Marzu 2009 (Prot. No. 08/69); id-Digriet ta’ Ezekuttivita` ta’ dawn is-sentenzi gie moghti fil-21 ta’ April 2009. Din id-decizjoni ddikjarat null iz-zwieg kattoliku tal-partijiet Micheal Vincent Debono u Rita Zammit celebrat fil-Knisja tal-Madonna ta’ Loreto, Parrocca tal-Imsida, Malta fl-14 ta’ April 1994. Kopji awtentici tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta, tad-Digriet ta’ Ratifika mahrug mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza u tad-Digriet ta’ Ezekuttivita` huma esebiti fl-inkartament u mmarkati rispettivament bhala Dok. C, Dok. B u Dok. D.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Novembru 2009 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat lir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament li, sa fejn kienet taf l-istess rikorrenti, Michael Debono kien jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer, u sabiex tindika l-indirizz tieghu barra minn Malta;

Rat in-nota guramentata tar-rikorrenti tal-4 ta’ Dicembru 2009, li permezz taghha l-imsemmija Rita Debono tat l-informazzjoni mehtiega;

Rat il-provvediment tal-31 ta’ Dicembru 2009 li permezz tieghu r-rikors gie appuntat ghas-smigh, u dan peress li mis-sentenzi tat-Tribunal Ekklezjastiku ma kienx jirrizulta sodisfacentement li l-intimat Michael Debono kien gie mgharraf bil-bidu tad-diversi stadji tal-process kanoniku ghall-annullament taz-zwieg;

Semghet lill-partijiet fid-diversi udjenzi, mizmuma ghall-fini biex jigi assigurat li gie osservat dak imsemmi fl-Artikolu 24(5)(ii) tal-Kap. 255 (stante li, kif inghad, dan ma kienx

jirrizulta mis-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2008 u 30 ta' Marzu 2009);

Semghet, fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2010, lil Joanna Camilleri, Kancillier tat-Tribunal Metropolitan tal-Ewwel Istanza, li, wara certu riluttanza, xehdet u tat l-informazzjoni mehtiega lil din il-Qorti;

Din il-Qorti hi sodisfatta, mid-deposizzjoni tal-imsemmija Kancillier, li l-imsemmi Michael Debono kien effettivament gie infurmat bil-bidu tad-diversi stadji tal-process kanoniku, u li ghalhekk ma hemm xejn x'josta fit-termini tal-imsemmi Art. 24(5)(ii) tal-Kap. 255;

Ikkonstatat illi l-istess Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza rrilaxxja dikjarazzjoni ta' ezekuttivita` u ghalhekk dawk id-decizjonijiet jistghu jigu rikonoxxuti;

Rat ir-risposta ta' Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar tat-12 ta' Ottubru 2009 li biha iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-12 ta' Ottubru 2009, li permezz taghha ma opponiex ghar-registrazzjoni;

Sodisfatta illi ma jezisti ebda ostakolu iehor ghal din l-ezekuzzjoni;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra kif imiss id-decizjoni definittiva ta' l-imsemmi Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tat-30 ta' Marzu 2009 (Prot. No. 08/69) li kkonfermat decizjoni precedenti tat-Tribunal Metropolitan ta' l-Arcidjocesi ta' Malta tat-30 ta' Settembru 2008 (Prot. No. 04/013) li ddikjarat <u>null</u> iz-zwieg bejn Micheal Vincent Debono u Rita Zammit celebrat fil-Knisja tal-Madonna ta' Loreto, Parrocca tal-Imsida, Malta fl-14 ta' April 1994, u dana skond ma jipprovdu l-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------